

# Dikjarazzjoni



Translations are proofread by EDPB Members.  
This language version has not been proofread yet.

## Dikjarazzjoni 3/2024 dwar ir-rwol tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* fil-qafas tal-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali

Adottata fis-16 ta' Lulju 2024

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* adotta d-dikjarazzjoni li ġejja:

### 1 L-ISFOND U L-GĦAN TA' DIN ID-DIKJARAZZJONI

1. Fit-12 ta' Lulju 2024, ir-Regolament (UE) 2024/1689 li jstabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, minn hawn 'il quddiem l-“Att dwar l-IA”) u li jemenda ċerti Atti Leġiżlattivi tal-Unjoni ġie ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali<sup>1</sup>.
2. L-Att dwar l-IA jstabbilixxi regoli armonizzati dwar it-tqegħid fis-suq, it-tqegħid fis-servizz u l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali (minn hawn 'il quddiem “IA”) f'konformità mal-Qafas Leġiżlattiv Ġdid u jirrikjedi sorveljanza tas-suq skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2019/1020<sup>2</sup>. Kif iddikjarat fl-Artikolu 1(1) tiegħu, l-Att dwar l-IA għandu l-għan li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern u jappoġġa l-innovazzjoni, filwaqt li jippromwovi l-użu ta' IA ċċentrata fuq il-bniedem u affidabbli u jiżgura s-saħħa, is-sikurezza u livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali minqax fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jstabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj>.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE).

Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem il-“Karta”), inkluż fir-rigward tad-drittijiet fundamentali għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-*data* personali (rispettivament, l-Artikolu 7 u 8 tal-Karta).

3. Minn din il-perspettiva, l-Att dwar l-IA u l-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* (b'mod partikolari, il-GDPR<sup>3</sup>, l-EUDPR<sup>4</sup> u l-LED<sup>5</sup>, kif ukoll id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika<sup>6</sup>) jeħtieġ li, fil-prinċipju<sup>7</sup>, jiġu kkunsidrati (u interpretati b'mod koerenti) bħala strumenti komplementari u li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku. Dan irid isir kemm f'termini tal-għanijiet tal-liġi kif ukoll f'termini tal-protezzjonijiet approvduti, inklużi d-drittijiet tal-persuni affettwati (li jistgħu jiġu kkwalifikati wkoll bħala “suġġetti tad-*data*” skont il-GDPR). Barra minn hekk, huwa importanti li jiġi enfasizzat li d-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* huwa applikabbli bis-sħiħ għall-ipproċessar tad-*data* personali involut fiċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-IA, kif rikonoxxut b'mod espliċitu fl-Artikolu 2(7) tal-Att dwar l-IA (ara wkoll il-Premessi 9 u 10).
4. Fil-fatt, l-ipproċessar ta' *data* personali (li spiss tkun strettament marbuta ma' *data* mhux personali) tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-IA – u b'mod partikolari matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' dawk is-sistemi tal-IA li jippreżentaw riskju għoli għad-drittijiet fundamentali<sup>8</sup> – b'mod ċar huwa (u se jkompli jkun) element ewlieni tad-diversi teknoloġiji koperti taħt l-umbrella tad-definizzjoni tal-IA, kif minqux fl-Artikolu 3(1) tal-Att dwar l-IA. Għal dawn ir-raġunijiet, l-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-*data* (minn hawn 'il quddiem “DPAs”) kienu attivi fir-rigward ta' dawn l-iżviluppi teknoloġiċi<sup>9</sup> u l-EDPB, li segwa mill-qrib il-proċess leġislattiv rigward l-Att dwar l-IA<sup>10</sup>, diġà beda l-eżami tal-interazzjoni (multidimensjonali) tiegħu mal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*.

---

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1-88.

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE, (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 295, 21.11.2018, pp. 39–98.

<sup>5</sup> Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89-131.

<sup>6</sup> Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37-47.

<sup>7</sup> B'mod aktar speċifiku, għall-identifikazzjoni bijometrika remota, l-Att dwar l-IA huwa *lex specialis* vis-à-vis l-LED (l-Artikolu 5(1)(h) tal-Att dwar l-IA).

<sup>8</sup> Ara f'dan ir-rigward l-akbar parti tas-sistemi tal-IA elenkati fl-Anness III tal-Att dwar l-IA.

<sup>9</sup> Dan immaterjalizza fil-ġurisdiżjonijiet tal-UE permezz ta' dokumenti ta' pożizzjoni, konsultazzjonijiet pubbliċi, seduti ta' smiġħ parlamentari, linji gwida, opinjonijiet relatati ma' valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data*, investigazzjonijiet, miżuri korrettivi u (xi drabi) sanzjonijiet. Barra minn hekk, id-DPAs qed jipparteċipaw ukoll f'diversi ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja.

<sup>10</sup> Ara, b'mod partikolari, l-Opinjoni Konġunta 5/2021 tal-EDPB-EDPS dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali), it-18 ta' Ġunju 2021 (minn hawn 'il quddiem “l-Opinjoni Konġunta 5/2021 tal-EDPB-EDPS”); id-Dikjarazzjoni tal-EDPB dwar il-Pakkett tas-Servizzi Diġitali u l-Istrateġija tad-*Data* adottata fit-18 ta' Novembru 2021.

5. B'din id-dikjarazzjoni, l-EDPB jixtieq jenfasizza aktar kwistjonijiet ta' superviżjoni u koordinazzjoni li jistgħu jirriżultaw mill-ħatra ta' awtoritajiet kompetenti mill-Istati Membri<sup>11</sup> f'oqasma li huma tant marbuta mill-qrib ma' kwistjonijiet ta' protezzjoni ta' *data* personali. Għandu jiġi kkunsidrat li, fil-livell nazzjonali, il-qafas ta' infurzar tal-Att dwar l-IA se jkollu jinbena fis-sena li jmiss wara d-dħul fis-seħħ tal-Att dwar l-IA madwar "awtorità nazzjonali kompetenti" waħda jew aktar stabbiliti jew nominati (minn hawn 'il quddiem "NCAs"), b'mod partikolari awtorità/awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq (minn hawn 'il quddiem "MSAs")<sup>12</sup>, li jinteraġixxu kemm bejniethom kif ukoll mad-DPAs u awtoritajiet oħra li jipproteġu d-drittijiet fundamentali.<sup>13</sup> L-EDPB jirrikonoxxi li xi Stati Membri diġà ddeċidew dwar il-ħatra tal-MSAs u li, għalhekk, xi wħud mir-rakkomandazzjonijiet f'din id-dikjarazzjoni jistgħu ma jkunux kompletament rilevanti f'dawk il-każijiet.
6. Kif diġà ġie ddikjarat fl-Opinjoni Konġunta tal-EDPB u l-EDPS<sup>14</sup>, f'dan il-qafas ta' infurzar emerġenti, għandu jiġi rikonnoxxut rwol prominenti tad-DPAs fil-livell nazzjonali, b'mod partikolari minħabba l-esperjenza u l-għarfien espert miġbura minnhom fit-tfassil ta' linji gwida u l-aħjar Prattiki u fit-twettiq ta' azzjonijiet ta' infurzar dwar kwistjonijiet relatati mal-IA fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak internazzjonali<sup>15</sup>. Id-DPAs urew u qed juru li huma atturi indispensabbli fil-katina li twassal għall-implimentazzjoni sikura, orjentata lejn id-drittijiet u sigura tas-sistemi tal-IA f'diversi setturi.
7. Barra minn hekk, għandu jiġi indikat li l-ħatra tad-DPAs bħala MSAs tkun ta' benefiċċju għall-partijiet ikkonċernati kollha fil-katina tal-valur tal-IA billi tagħmel disponibbli punt uniku ta' kuntatt, li jiffaċilita l-interazzjonijiet bejn il-korpi regolatorji differenti li huma kkonċernati kemm mill-Att dwar l-IA kif ukoll mil-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*.
8. Barra minn hekk, fid-dawl tal-Att dwar l-IA, l-EDPB jikkunsidra l-punti ta' importanza partikolari li ġejjin:
  - Id-DPAs, minbarra l-għarfien espert eżistenti tagħhom fit-teknoloġiji tal-IA, għandhom ħiliet f'ħafna mill-oqasma msemmija fl-Artikolu 70(3) tal-Att dwar l-IA, bħall-computing tad-*data* u s-sigurtà tad-*data*, u fil-valutazzjoni tar-riskji għad-drittijiet fundamentali maħluqa minn teknoloġiji ġodda;
  - Id-DPAs, minħabba l-indipendenza sħiħa tagħhom<sup>16</sup>, jistgħu jipprovdu superviżjoni indipendenti effettiva tas-sistemi tal-IA, kif meħtieġ mill-Artikolu 70(1) tal-Att dwar l-IA;<sup>17</sup>
  - Skont l-Artikolu 74(8) tal-Att dwar l-IA, DPAs - jew awtoritajiet oħra bl-istess rekwiżiti dwar l-indipendenza (taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 41 sa 44 tad-Direttiva (UE) 2016/680) - iridu jiġu maħtura bħala MSAs għas-sistemi tal-IA ta' riskju għoli elenkati fil-punt 1 tal-

<sup>11</sup> Ara l-Premessa 153 tal-Att dwar l-IA.

<sup>12</sup> Ara l-Artikolu 3(48) tal-Att dwar l-IA.

<sup>13</sup> Ara l-Artikolu 77 u l-Premessa 157 tal-Att dwar l-IA.

<sup>14</sup> Ara, b'mod partikolari, il-punti 47 ff. tal-Opinjoni Konġunta 5/2021 tal-EDPB-EDPS.

<sup>15</sup> Id-DPAs ilhom attivi għal żmien twil u jikkooperaw ukoll dwar is-suġġetti differenti relatati mas-sistemi tal-IA f'fora internazzjonali differenti (Roundtable tal-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-*Data* u tal-Privatezza tal-G7, Assemblea Globali dwar il-Privatezza — GPA, Grupp ta' Ħidma Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* fit-Teknoloġija, il-Kunsill tal-Ewropa, organizzazzjonijiet internazzjonali tal-istandards, eċċ.) u, mar-rappreżentanti tagħhom, fl-OECD. Din l-integrazzjoni hija partikolarment importanti fil-kuntest attwali li fih ir-regolament dwar l-IA jiġi diskuss b'mod wiesa' fil-livell globali, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżvilupp ta' standards.

<sup>16</sup> Ara l-Artikolu 8(3) tal-Karta u l-Artikolu 16(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "TFUE").

<sup>17</sup> Ara wkoll il-Premessi 79 u 80 tal-Att dwar l-IA.

Anness III tal-Att dwar I-IA, sa fejn jintużaw għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi, ġestjoni tal-fruntieri u ġustizzja u demokrazija, u għas-sistemi tal-IA ta' riskju għoli elenkati fil-punti 6, 7 u 8 tal-Anness III tal-Att dwar I-IA, li huma elementi ewlenin tal-ordni demokratika;

- Minn perspettiva sistematika, huwa partikolarment siewi wkoll li meta l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Att dwar I-IA, l-EDPS għandu jaġixxi bħala l-awtorità kompetenti għas-superviżjoni tagħhom, kif previst fl-Artikolu 70(9) tal-Att dwar I-IA<sup>18</sup>;
- Barra minn hekk, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikoli 26 (9), 27 (4) u fl-Anness VIII, it-Taqsima C, il-punt 5 tal-Att dwar I-IA, hija mistennija relazzjoni mill-qrib bejn il-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* u l-valutazzjoni tal-impatt tad-drittijiet fundamentali<sup>19</sup>.

## 2 RAKKOMANDAZZJONIJIET

9. L-EDPB jirrakkomanda li d-DPAs għandhom jiġu maħtura mill-Istati Membri bħala MSAs għas-sistemi tal-IA b'riskju għoli msemmija fl-Artikolu 74(8) tal-Att dwar I-IA. Barra minn hekk, l-EDPB jirrakkomanda li, b'kont meħud tal-fehmiet tad-DPA nazzjonali, l-Istati Membri jikkunsidraw li jaħtru DPAs bħala MSAs għas-sistemi tal-IA b'riskju għoli li jifdal kif elenkat fl-Anness III, b'mod partikolari fejn daww is-sistemi tal-IA b'riskju għoli huma f'setturi li x'aktarx ikollhom impatt fuq id-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali, sakemm daww is-setturi ma jkunux koperti minn ħaġra obligatorja meħtieġa mill-Att dwar I-IA (eż. is-settur finanzjarju).
10. Meta jitqies dan ta' hawn fuq, peress li l-punt uniku ta' kuntatt skont l-Att dwar I-IA għandu jkun MSA kif previst fl-Artikolu 70(2) tal-Att dwar I-IA, jenħtieġ li d-DPAs (li jaġixxu bħala MSAs) jiġu maħtura bħala l-punti uniċi ta' kuntatt għall-pubbliku u għall-kontropartijiet fil-livelli tal-Istati Membri u tal-Unjoni. Dan ikun mingħajr preġudizzju għar-rappreżentanti tal-Istat Membru għall-Bord Ewropew tal-Intelliġenza Artifiċjali, li jista' jkun differenti, kif indikat mill-Artikolu 65(4)(b) tal-Att dwar I-IA. Dan jippermetti wkoll approċċ unifikat, konsistenti u effettiv fis-setturi differenti kollha.
11. Minn perspettiva usa', hemm bżonn ta' kooperazzjoni soda bejn l-MSAs u l-entitajiet l-oħra li huma inkarigati mis-superviżjoni tas-sistemi tal-IA<sup>20</sup>, inklużi d-DPAs, u jridu jiġu previsti proċeduri ċari f'dan ir-rigward abbażi tal-Artikolu 74(10) tal-Att dwar I-IA.<sup>21</sup> Tali proċeduri għandhom jinbnew u jiġu żviluppatti skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera previst mill-Artikolu 4(3) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea, kif enfasizzat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża *Bundeskartellamt*<sup>22</sup>. B'dan il-mod, l-inkonsistenzi bejn id-deċiżjonijiet meħuda minn awtoritajiet u korpi ta' sorveljanza differenti jistgħu jiġu evitati fl-ekosistema diġitali, u s-sinerġiji jistgħu jiġu sfruttati f'azzjonijiet ta' infurzar koerenti, effettivi u komplementari għall-benefiċċju tal-individwi u ċ-ċertezza tad-dritt.

---

<sup>18</sup> Ara wkoll l-Artikoli 3(48), 74(9) u 43(1) tal-Att dwar I-IA.

<sup>19</sup> Ara l-Artikoli 26 (9), 27 (4) u l-Anness VIII, il-punt 5 tal-Att dwar I-IA.

<sup>20</sup> B'mod partikolari fl-oqsma tas-sikurezza tal-prodotti (eż. fil-każ ta' ġugarelli intelliġenti, ara wkoll l-Anness I), il-kompetizzjoni, is-servizzi diġitali u tal-media, is-servizzi finanzjarji, il-protezzjoni tal-konsumatur, u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

<sup>21</sup> Ara wkoll, fir-rigward tal-attività mwettqa fi ħdan l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja, l-Artikolu 57(10) tal-Att dwar I-IA.

<sup>22</sup> Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Lulju 2023, *Meta Platforms u oħrajn (Conditions générales d'utilid'un réseau social, C-252/21, ECLI:EU:C:2023:537)*, b'mod partikolari l-paragrafi 53-63.

12. Filwaqt li l-attribuzzjoni ta' kompiti u setgħat ġodda fir-rigward tas-superviżjoni tas-sistemi tal-IA tista' tiġi ffaċilitata mill-ħiliet legali u tekniċi diġà preżenti fid-DPAs, il-fatt innifsu li kompiti u setgħat ġodda huma previsti għad-DPAs, inkluż fil-kapaċità tagħhom bħala MSAs, jinvolti l-ħtieġa għal riżorsi umani u finanzjarji addizzjonali adegwati li għandhom jiġu pprovduti mill-Istati Membri.
13. Il-kunsiderazzjonijiet li saru sa issa rigward ir-relazzjoni bejn id-DPAs nazzjonali u l-MSAs skont l-Att dwar l-IA japplikaw b'mod simili għall-attività superviżorja mwettqa mill-Uffiċċju tal-IA<sup>23</sup> dwar mudelli tal-IA għal skopijiet ġenerali, li jistgħu jkunu mħarrġa sew dwar *data* personali<sup>24</sup> u li l-output tagħhom jista' jaffettwa d-drittijiet tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-*data* tal-individwi. F'dan ir-rigward, bħalissa ma hija stabbilita l-ebda koordinazzjoni ċara fl-Att dwar l-IA bejn l-Uffiċċju tal-IA u d-DPAs/EDPB.
14. L-EDPB jenfasizza li kull meta mudell jew sistema tal-IA għal skop ġenerali jinvolti l-ipproċessar ta' *data* personali, dan jista' jaqa' – bħal kwalunkwe sistema oħra tal-IA – taħt il-mandat superviżorju, kif applikabbli, tad-DPAs nazzjonali rilevanti (li jikkooperaw ukoll skont il-Kapitolu VII tal-GDPR) u tal-EDPS (meta jaqa' taħt l-EUDPR). Għalhekk, id-DPAs nazzjonali u l-EDPS ma jistgħux ħlief ikunu involuti kif xieraq meta jinjalghu mistoqsijiet dwar kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* fis-superviżjoni ta' daww is-sistemi. Dan huwa meħtieġ għall-konformità mal-Artikolu 8 tal-Karta u mal-Artikolu 16 tat-TFUE, inkluż fir-rigward tal-proċess ta' valutazzjoni tal-kodiċijiet ta' prattika msemmija fl-Artikolu 56 tal-Att dwar l-IA.
15. Għaldaqstant, l-EDPB jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Uffiċċju tal-IA tal-UE li huwa parti minnu għall-ħtieġa li jikkooperaw mad-DPAs nazzjonali u mal-EDPB, u l-ħtieġa li tiġi stabbilita, bi qbil magħhom, il-kooperazzjoni reċiproka xierqa<sup>25</sup> bl-aktar mod effettiv u f'konformità sħiħa mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali kif imfakkar mill-Qorti tal-Ġustizzja<sup>26</sup>.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

(Anu Talus)

---

<sup>23</sup> L-Uffiċċju tal-IA, imsemmi fl-Artikolu 64 tal-Att dwar l-IA, ġie stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Jannar 2024 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Intelliġenza Artifiċjali, C/2024/390, ĠU C, C/2024/1459, 14.2.2024.

<sup>24</sup> Ara wkoll l-Anness XI, it-Taqsima 1(1)(e) u (2)(c) tal-Att dwar l-IA.

<sup>25</sup> Anke fid-dawl tal-Artikoli 2(3)(c) u (d), l-Artikoli 3 u 6 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Jannar 2024 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Intelliġenza Artifiċjali, C/2024/1459.

<sup>26</sup> Ara n-nota 22 f'qiegħ il-paġna ta' din id-Dikjarazzjoni.